MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 3(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ħamis 26 ta' April 2012, fil-11:00 a.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Edric Micallef |
| **Viċi-Sindku** | Carmelo Bugeja |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Stephen Caruana |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Audit Adjustments u approvazzjoni ta' Financial Statements 2011

**Talba**

Is-Sur Edric Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Audit Adjustments u approvazzjoni ta' Financial Statements 2011**

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tar-Rapport Finanzjarju Annwali 2011 bl-aġġustament li pproponew l-Udituri tal-Gvern, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jispjega ir-rapport.

Is-Segretarju Eżekuttiv għadda sabiex jispjega kif wara illi l-Udituri tal-Gvern kienu raw ir-Rapport Finanzjarju Annwali li kien ħejja l-Kunsill Lokali u għamlu *on-site* visit kien ġie propost illi jsiru xi audit adjustments. Wara li ta' dettalji ta' x'kienu jinvolvu l-adjustments proposti, is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsilliera jgħaddu eventwali proposti jew mistoqsijiet dwar diffikultajiet li kien hemm.

Wara illi ma kien hemm ebda mistoqsija, fuq proposta tas-Sur Edric Micallef li ġiet issekondata mis-Sur Steven Grech u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill unanimament qabel illi japprova l-Financial Statements għas-sena 2011 hekk kif proposti.

Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għaddew sabiex jiffirmaw id-dokument f'seba' kopji li kienu ser jingħataw lura lill-Udituri tal-Gvern, sabiex jintbagħtu lill-AwditurĠenerali.

Il-laqgħa spiċċat fil-11:45a.m.

| | |
|---|---|
| ________________ | ________________ |
| **Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**